

*Anonimu, Il-Madonna bil-Bambin flimkien ma' San Mattew u San Anard, Knisja Matriċi ta' Marija Annunzjata, Ħal Tarxien*

# San Anard f'Ħal Tarxien

**Mario Fenech**

*Bħalma rajna f'diversi okkażjonijiet, ankè f'artikli mill-istess Mario Fenech, għalkemm Ħal Kirkop tibqa' l-unika parroċċa Maltija iddedikata lil San Leonardu, il-kult ta' San Anard hu wieħed antik imferrex mal-gżejjer Maltin. Mario Fenech ser ikellimna dwar il-kult ta' San Anard ġewwa Ħal Tarxien fejn għad hemm triq li jġorr ismu u ankè xbieha tiegħu ġewwa l-knisja parrokkjali.*

Huwa fatt magħruf li madwar Malta u Għawdex matul is-sekli ħmistax u sittax bosta kienu dawk il-knejjes żgħar li kienu jiġu mibnija lil hinn mill-qalba tar-raħal.

Dawn kienu jservu lil dawk li kien ikollhom wisq bogħod għall-knisja tar-raħal. Oħrajn kienu jinbnew minn nies għonja fil-propjetà tagħhom u kien ikollhom magħhom xi Legati biex għal inqas tkun tista' ssir il-festa tal-qaddis jew qaddisa li għaliha tkun iddedikata l-Knisja. Kien ikun hemm obbligi wkoll biex f'nhar il-Festa jitqassam ikel lill-fqar.

Dawn il-knejjes ħafna drabi niltaqgħu magħhom fir-rapporti tal-Visti Pastorali li kienu jsiru minn żmien għall-ieħor u mhux l-ewwel darba li dawn kienu jiġu pprofanati minħaba l-fatt li ma kinux ikunu fi stat tajjeb saħansitra mingħajr bibien jew ikunu għaddew minn taħt idejn il-qilla tal-furbani li kienu jiġu jisirqu kulma jsibu quddiemhom.

Kien jiġri li meta dawn il-knejjes jispiċċaw għalkollox dak il-ftit li kien ikollhom kien jiġi ttrasferit fil-knisja prinċipali tar-raħal u xi wieħed mill-altari tal-knisja kien jiġi ddedikat lil qaddis li għalih kienet tkun ġiet imwaqqfa l-Knisja.

Fil-limiti tar-raħal ta' Ħal Tarxien kien hemm numru minn dawn il-Knejjes żgħar fil-kampanja u jissemmew uħud minnhom fil-Vista Pastorali li kien għamel Mons. Pietru Pawl Duzina fis-sena 1575, għaxar snin wara li kien seħħ l-Assedju l-Kbir fuq Malta. Fost dawn il-knejjes kien hemm dik iddedikata lil San Anard u li kienet fl-inħawi magħrufa bħala "tal-Barrani" limiti tar-raħal taż-Żejtun.

Ħal Tarxien kien sar parroċċa mill-Isqof Tommaso Gargallo fis-sena 1592. L-Istess Isqof kien żar il-Knisja nhar it-30 ta' Novembru 1600.

Fir-rapport tiegħu jgħid li l-knisja kienet fi stat tajjeb u kienu żdiedu mal-altari li diġà kien hemm qabel, żewġ altari oħrajn. Dawn kienu dak ta' San Anard u l-ieħor ta' Sant'Agata. L-altar ta' San Anard kien fuq in-naħa tal-lemin tal-altar maġġur tal-Knisja.



*Matteo Perez d'Aleccio, L-Isqof Tommaso Gargallo, dettall min-Nawfraġju ta' San Pawl, seklu sittax, Knisja Kolleġjali ta' San Pawl Nawfragu, Valletta*



*Francesco Zahra jew ċirku tiegħu, L-Isqof Baldassare Cagliares, Palazz tal-Isqof, Mdina*

Semma wkoll li l-altar ta' San Anard kien twaqqaf fil-knisja minħabba l-fatt li l-knisja li kienet fil-kampanja kienet ġiet ipprofanata flimkien m'oħra li kienet ta' San Nikola.

San Anard bħala l-qaddis patrun tal-ilsiera kien igawdi devozzjoni speċjali min-nies ta' dak iż-żmien minħabba l-fatt li dawn kienu jersqu lejh fit-talb tagħhom biex jeħlishom minn xi attakk tal-furbani jew biex iġib lura lil xi ħadd għażiż li kien ikun ġie meħud għal ħajja ta' jasar. B'hekk dan l-altar fil-knisja parrokkjali kien minn dejjem jinżamm fi stat tajjeb.

Meta ġiet mibnija l-knisja l-ġdida, dik li hemm illum, l-Isqof Cagliares f'waħda mill-visti pastorali tiegħu, li għamel fis-sena 1621, kiteb fir-rapport tiegħu li kien hemm numru ta' altari, fosthom wieħed ta' San Anard, li kien jieħu ħsiebu ċertu Matteo Busuttil. Dan ifisser li meta nbniet il-knisja l-ġdida d-devozzjoni lejn dan il-qaddis kienet għadha waħda ħajja sew. Fuq dan l-altar hemm kwadru sabiħ fejn fih tidher il-Madonna bilqiegħda fuq tron bil-Bambin f'ħoġorha mdawwra b'numru t'Anġli. San Anard jidher għarkupptejh fuq l-aħħar tarġa tat-tron qiegħed isegwi dak li qiegħed jurih l-anġlu mill-ktieb li għandu f'idejh. Mal-art jidhru l-ktajjen tal-jasar, simbolu ta' dan il-qaddis protettur tal-ilsiera.

Fuq in-naħa l-oħra tal-kwadru jidher San Mattew. X'aktarx li dan il-qaddis sab il-post tiegħu f'dan il-kwadru peress li dak li kien jieħu ħsieb dan l-altar kellu l-isem tiegħu. Din kienet ħaġa komuni li meta jsir xi kwadru kien jiġi nkluż fih il-qaddis li għalih kien ikun imsemmi l-benefattur tiegħu.

Ma nafux min hu l-awtur tiegħu. Nafu iżda li din id-devozzjoni lejn dan il-qaddis tmur lura sew fl-istorja ta' dan ir-raħal antik ta' Ħal Tarxien.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.